



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.10.2019  
COM(2019) 466 final

2019/0233 (NLE)

Proposta għal

## **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rata unitarja u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kundizzjonijiet tal-ħlas**

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni qabel is-sessjoni tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol fit-28 ta' Novembru 2019 b'rabta mal-adozzjoni prevista tal-aġġornament tal-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni tas-Sistema tal-Imposti fuq ir-Rotot ("il-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni") u l-aġġornament tal-Prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rati unitarji ("il-Prinċipji"), it-tnejn li huma aktar 'il quddiem imsejħa "l-atti previsti".

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Ftehim Multilaterali li jirrigwarda l-Imposti fuq ir-Rotot

Il-Ftehim Multilaterali li jirrigwarda l-Imposti fuq ir-Rotot ("il-Ftehim")<sup>1</sup> għandu l-għan li jistabbilixxi sistema konġunta għall-imposti en route. F'konformità mal-Artikolu 1 tal-Ftehim, l-Istati Kontraenti qablu li jadottaw politika komuni fir-rigward tal-imposti għall-faċilitajiet u għas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru en route, aktar 'il quddiem imsejħa "imposti fuq ir-rotot", fl-ispazju tal-ajru tar-Reġjuni ta' Informazzjoni dwar it-Titjir li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom. Għalhekk huma qablu li joħlqu sistema konġunta għall-istabbiliment u għall-ġbir tal-imposti fuq ir-rotot u li għal dan l-għan jużaw is-servizzi tal-Eurocontrol. F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Ftehim, l-istabbiliment tas-sistema konġunta tal-imposti fuq ir-rotot jitwettaq mill-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1986.

L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Ftehim<sup>2</sup>.

#### 2.2. Il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol:

- (1) tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw il-valutazzjoni tal-kostijiet għall-kalkolu tal-imposti en route;
- (2) tistabbilixxi l-formula li trid tiġi applikata fil-kalkolu tal-imposti fuq ir-rotot;
- (3) tapprova, għal kull perjodu ta' imposti, ir-rata li biha jridu jiġu rkuprati l-kostijiet;
- (4) tiddetermina l-unità tal-kont li biha jiġu espressi l-imposti fuq ir-rotot;
- (5) tiddetermina l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema, inkluż il-kundizzjonijiet tal-ħlas, kif ukoll ir-rati unitarji u t-tariffi u l-perjodu li matulu jridu japplikaw;
- (6) tiddetermina l-prinċipji li jirregolaw l-eżenzjoni mill-imposti fuq ir-rotot.

L-Istati Membri tal-Eurocontrol u l-Istati Kontraenti li mhumiex Stati Membri ta' Eurocontrol għandhom vot kull wieħed. F'konformità mal-Artikolu 6(1)(a) tal-Ftehim, il-Kummissjoni estiża tiddeċiedi b'unanimità dwar il-kwistjonijiet relatati mal-valutazzjoni tal-kostijiet għall-kalkolu tal-imposti en route (l-Artikolu 3.2(a) tal-Ftehim) u l-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni (l-Artikolu 3.2(e) tal-Ftehim) u daww id-deċiżjonijiet huma vinkolanti fuq l-Istati Kontraenti kollha. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni unanima, il-Kummissjoni estiża tiegħu

<sup>1</sup> <https://www.eurocontrol.int/sites/default/files/article/attachments/multilateral-agreement-relating-to-route-charges.pdf>

<sup>2</sup> Minbarra l-Istati Membri tal-UE, l-Albanija, l-Armenja, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, Monaco, in-Norveġja, il-Maċedonja ta' Fuq, l-Iżvizzera, it-Turkija u l-Ukrajna huma partijiet għall-Ftehim u rratifikawh.

deċiżjoni b' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa; kwalunkwe Stat Kontraenti li, għal kunsiderazzjonijiet nazzjonali prevalenti, ma jistax japplika dik id-deċiżjoni għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni tar-raġunijiet għal dan lill-Kummissjoni estiża (l-Artikolu 6(1)(a) tal-Ftehim).

### **2.3. L-atti previsti tal-Kummissjoni estiża**

Permezz ta' proċedura bil-miktub, iżda mhux aktar tard minn matul il-113-il sessjoni tiegħu fl-20 u l-21 ta' Novembru 2019, il-Kumitat estiż għandu jadotta deċiżjonijiet dwar l-atti previsti.

L-għan tal-atti previsti huwa li tiġi żgurata konsistenza kontinwa mar-regoli tal-UE dwar l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019<sup>3</sup> li se japplika mit-tielet perjodu ta' referenza (2020-2024), li jibda fl-1 ta' Jannar 2020.

L-abbozz tal-Prinċipji jkompli jipprevedi żewġ metodi possibbli għall-kalkolu tal-kostijiet u tar-rati unitarji, jew il-metodu tal-irkupru sħiħ tal-kostijiet jew il-metodu tal-kost determinat. L-emendi proposti jinkludu d-dikjarazzjoni li: L-Istati Kontraenti li japplikaw ir-regoli adottati mill-Unjoni Ewropea dwar l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew jitqiesu li jikkonformaw mar-regoli adottati mill-EUROCONTROL fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet. L-atti previsti ma jindirizzawx il-kwistjonijiet li ġejjin, li d-dettalji tagħhom huma previsti fil-leġiżlazzjoni tal-UE:

- (1) Il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu riveduti l-kostijiet determinati u l-unitajiet ta' servizzi fid-dawl ta' reviżjoni possibbli tal-pjan ta' prestazzjoni;
- (2) L-obbligu li jitnaqqsu l-fondi pubbliċi miksuba mill-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru mill-kostijiet determinati (rekwiżit fid-dritt tal-Unjoni iżda mhux politika komuni tal-EUROCONTROL);
- (3) L-użu tad-dħul mill-imposti fuq ir-rotot biex jiġu ffinanzjati proġetti komuni;
- (4) Il-parametri u l-valuri tal-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskju tat-traffiku;
- (5) It-twaqqit u l-modalitajiet ta' xi riporti, pereżempju l-aġġustamenti għall-mekkaniżmu tal-kondiviżjoni tar-riskju tat-traffiku u għall-mekkaniżmu tar-riskju tal-kostijiet;
- (6) Id-dettalji tal-inċentivi għall-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;
- (7) Is-sett ta' kundizzjonijiet li jirrigwardaw il-prestazzjoni li huma meħtieġa biex tiġi stabbilita u tiġi applikata skema ta' imposti simplifikata.

L-abbozz tal-Prinċipji jallinja mal-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2019/317, meta l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru jġarrbu kostijiet mil-lokazzjoni ta' assi fissi, dawk il-kostijiet ma għandhomx jiġu inklużi fil-kost tal-kapital.

L-emendi proposti għall-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni jikkonċernaw l-Artikolu 5 (il-fattur tad-distanza), l-Artikolu 6 (il-fattur tal-piż) u l-Artikolu 8 (l-eżenzjonijiet) tal-abbozz tal-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kalkolu tal-piż massimu tat-tluġ għal kull inġenju tal-ajru individwali. Din l-aħħar proposta tissostitwixxi l-kalkolu attwali bbażat fuq il-piż massimu medju tat-tluġ għal kull inġenju tal-ajru għal kull utent tal-ispazju tal-ajru, b'effett mill-1 ta' Jannar 2020.

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013, ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1

Barra minn hekk, l-Uffiċċju Ċentrali tal-Imposti fuq ir-Rotot (CRCO) tal-Eurocontrol jipproponi żewġ emendi għall-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni. L-ewwel waħda hija l-introduzzjoni ta' klawżola ġdida rigward l-imposti tal-banek b'rabta mal-ħlas tal-kontijiet mill-utenti tal-ispazju tal-ajru. It-tieni waħda tirrigwarda s-sekwenza tal-allokazzjoni tal-ħlasijiet tal-kontijiet meta l-utenti tal-ispazju tal-ajru ma jikkomunikaw l-ebda struzzjoni lis-CRCO.

Il-lista taż-żoni tal-imposti en route fl-Anness 1 tal-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni tinkludi l-aġġornamenti li ġejjin: emendi editorjali għad-deskrizzjonijiet taż-żoni tal-imposti l-Bulgarija u r-Rumanija, l-isem il-ġdid tal-Maċedonja ta' Fuq u deskrizzjoni ġdida taż-żona tal-imposti l-Ukrajna.

L-emendi msemmija jsaħħu l-applikazzjoni tal-prinċipji "l-utent iħallas" li jiffurmaw parti mill-politika dwar l-imposti fuq l-infrastruttura tat-trasport tal-Unjoni.

### **3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI**

L-atti previsti jiżguraw konsistenza kontinwa mar-regoli tal-UE dwar l-iskema ta' prestazzjoni u ta' imposti tal-Ajru Uniku Ewropew u jenħtieġ li l-Unjoni tappoġġahom. Huwa propost li l-Istati Membri li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni jaċċettaw l-emendi proposti għall-atti previsti. .

L-atti previsti se jsiru vinkolanti għall-Istati Kontraenti f'konformità mal-Artikolu 6(1)(a) tal-Ftehim, li jipprevedi dan li ġej: id-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3.2 (a) sa (f) u (h) għandhom jeħtieġu vot unanimu tal-Istati Kontraenti kollha u għandhom ikunu vinkolanti għall-Istati Kontraenti kollha; fin-nuqqas ta' deċiżjoni unanima, il-Kummissjoni estiża għandha tiegħu deċiżjoni b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-voti mitfugħa; kwalunkwe Stat Kontraenti li, għal kunsiderazzjonijiet nazzjonali prevalenti, ma jistax japplika dik id-deċiżjoni għandu jissottometti dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni tar-raġunijiet għal dan lill-Kummissjoni estiża.

Is-suġġett tal-atti previsti huwa fil-biċċa l-kbira kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, speċifikament mir-Regolament (UE) 2019/317. Għalhekk daww l-atti jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. B'riżultat ta' dan, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva bis-saħħa tal-aħħar parti tal-Artikolu 3(2) tat-TFUE.

## **4. BAŻI ĠURIDIKA**

### **4.1. Bażi ġuridika proċedurali**

#### *4.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*"

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament jekk l-Unjoni tkunx membru tal-korp jew tkunx parti għall-ftehim<sup>4</sup>.

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp inkwistjoni. Jinkludi wkoll l-istrumenti

<sup>4</sup> Il-paragrafu 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”<sup>5</sup>.

#### 4.1.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

Il-Kummissjoni estiża hija korp stabbilit permezz tal-Ftehim u l-atti li l-Kummissjoni estiża tiġi mitluba tadotta jikkostitwixxu atti li għandhom effetti legali. L-atti previsti jkunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali fuq l-Istati Kontraenti f’konformità mal-Artikolu 6(1)(a) tal-Ftehim.

L-atti previsti la jissupplimentaw u lanqas jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

### **4.2. Bażi ġuridika sostantiva**

#### 4.2.1. *Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

#### 4.2.2. *Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw it-Trasport (it-Titolu VI tat-TFUE).

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

### **4.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>5</sup> Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, fir-rigward tal-prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rata unitarja u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tas-sistema tal-imposti fuq ir-rotot u l-kundizzjonijiet tal-ħlas**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Multilaterali li jirrigwarda l-Imposti fuq ir-Rotot (“il-Ftehim”)<sup>6</sup> daħal fis-seħħ fl-1. ta' Jannar 1986.
- (2) Skont l-Artikolu 3(2) tal-Ftehim, il-Kummissjoni estiża tadotta prinċipji li jirregolaw il-valutazzjoni tal-kostijiet għall-kalkolu tal-imposti tan-navigazzjoni bl-ajru u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni u l-ħlas tat-tali imposti.
- (3) Qabel jew waqt il-113-il sessjoni tiegħu fl-20 u l-21 ta' Novembru 2019, il-Kumitat estiż għandu, permezz ta' proċedura bil-miktub, jadotta deċiżjonijiet dwar aġġornament tal-Prinċipji għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route u l-kalkolu tar-rati unitarji u dwar aġġornament tal-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni tas-Sistema tal-Imposti fuq ir-Rotot u l-Kundizzjonijiet tal-Ħlas (“id-deċiżjonijiet”).
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, peress li s-suġġett ta' dawk id-deċiżjonijiet huwa fil-biċċa l-kbira kopert mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317<sup>7</sup>. Għalhekk dawk l-atti jistgħu jaffettwaw ir-regoli komuni jew ibiddlu l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (5) L-għan tad-deċiżjonijiet huwa li tiġi żgurata konsistenza kontinwa mar-regoli tal-Unjoni dwar it-trasport, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-

<sup>6</sup> <https://www.eurocontrol.int/sites/default/files/article/attachments/multilateral-agreement-relating-to-route-charges.pdf>

<sup>7</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 390/2013 u (UE) Nru 391/2013 (ĠU L 56, 25.2.2019, p. 1).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Għalhekk huwa xieraq li tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet.

- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni trid tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, li jaġixxu b'mod konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-proċedura bil-miktub qabel jew waqt is-sessjoni tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol fit-28 ta' Novembru 2019 għandha tkun din li ġejja:

(a) li jiġu appoġġati l-Prinċipji aġġornati għall-istabbiliment tal-bażi tal-kost għall-imposti en route<sup>9</sup>;

(b) li jiġu appoġġati l-Kundizzjonijiet tal-Applikazzjoni tas-Sistema tal-Imposti fuq ir-Rotot u l-Kundizzjonijiet tal-Flas aġġornati<sup>10</sup>.

#### *Artikolu 2*

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kummissjoni estiża tal-Eurocontrol, li jaġixxu b'mod konġunt.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>8</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 096, 31.3.2004, p. 1)

<sup>9</sup> <https://ext.eurocontrol.int/ftp/?t=93085cefad506a898b74bf51ae9f2ec6> Dokument tal-Eurocontrol Nru 19.60.01

<sup>10</sup> <https://ext.eurocontrol.int/ftp/?t=5db7f9ad4dda0c0a7803388ca46b101e> Dokument tal-Eurocontrol Nru 19.60.02-1